# Jekk Tinżel ix-Xita

CHARLES MIFSUD

Jekk jisbaħ
filgħodu
u jkollna
noqogħdu
nittawlu
mill-ħġieġa
għax nieżla
l-irxiexa,

jekk forsi
bqajt ġewwa —
x'aktarx li
bid-dnewwa —
il-buri
insihom
itlaqhom
ħallihom
u ftakar
li x-xita
jekk tinżel
f'waqqitha —
twasslilna
warajha
il-ħtieġa
tal-ħajja:
ġġib magħha
tisqija
għal wiċċ il-
ħamrija,
il-ħxejjex
tkabbarhom,
is-siġar
tħaddarhom
u l-wied li
kien tqaxqax
bix-xita
li traxxax
fuq soddtu
qed jilma
wiċċ ġieri
ta' l-ilma.

Mel' ifraħ
bix-xita
u ftakar
li meta
tkun nieżla
ixxarrab
fuq qiegħa
titkarrab
tkun ġejja
w tinġema'
il-manna
mis-sema
għalik u
għalija
w għal artna
Maltija.